# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2681

**Kaz Numru 3446/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Maurice Cassar (ID 270861M)**
**u**

**Juris Klavins**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 28 t'Ottubru, 2020**

In seguito tad-decizjoni kif moghtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) nhar is-16 ta' Settembru, 2020, Appell Inferjuri Nru 10/2020 LM.

Dan it-Tribunal qieghed jemenda d-decizjoni moghtija minnu nhar il-5 ta' Frar, 2020, (Decizjoni Nru 2652) u dan kif gie dirett mill-istess Qorti tal-Appell fejn ordnat *'li l-atti jintbaghtu lura quddiem it-Tribunal Industrjali sabiex dan jimmottiva d-decizjoni tieghu fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-Appellat'.*

- **Decizjoni Emendata**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gew esposti f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti ma' kienetx wahda gusta.

F'dan il-kuntest u wara li ha in konsiderazzjoni shiha, t-tul tas-servizz lavorattiv tal-Appellant mas-Socjeta' ntimata fejn dam jahdem maghha ghal madwar 6 snin u nofs , il-perjodu ta' sena li l-istess Appellant dam minghajr impjieg fejn matul l-ewwel 6 xhur kien ineligibbli milli jircievi l-beneficcju tal-qghad peress li kien inibit milli jirregistra fuq Part 1 tar-Registru tal-Qghad minhabba r-raguni moghtija mis-Socjeta' ntimata dwar kif kien gie mitmum l-impjieg tieghu,

l-perjodu li dam l-Appellant sakemm kiseb impjieg stabbli f'April 2018, l-istat ta' sahha tal-Appellant, u l-fatt li l-Appellant ghandu 59 sena fejn ma jkunx facli li wiehed isib impjieg. It-Tribunal qies wkoll il-kumpens moghti, 'a bazi' ta' dak deciz mill-Qorti tal-Appell dwar kif it-Tribunal ghandu jasal ghal komputazzjoni tal-kumpens.

Wara dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, dan it-Tribunal jiffissa kumpens dovut lill-Appellanti fis-somma ta' €4,070. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta' ntimata fi zmien erba' gimghat minn din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**